# KAPITOLU 33

## ORDINANZA DWAR L-ESPLOŻIVI

*Biex temenda u tikkonsolida l-liġijiet dwar l-Esplożivi.*

15 ta' Lulju, 1904

*L-ORDINANZA XII ta' l-1904, kif emendata bl-Ordinanzi IV ta' l-1920 u XL ta' l-1940; bl-Atti XXXV ta' l-1949 u XXVII ta' l-1955; bl-Ordinanzi: XVIII ta' 1-1960, XVII ta' l-1961 u XXV ta' l-1962; bl-Avviżi Legali: 4 ta' l-1963 u 46 ta' l-1965; bl-Atti LVIII ta' l-1974, XXII ta' l-1976, XI ta' l-1977, XLIX ta' l-1981, VIII ta' l-1990 u III ta' l-2002; bl-Avviż Legali 407 ta' l-2007; u bl-Att VIII ta' l-2008.*

TAQSIM TA' L-ORDINANZA


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| | Titolu fil-Qosor u Tifsir | 1-2 |
| Taqsima I. | Esplożivi | 3-26 |
| Taqsima II. | Disposizzjonijiet Penali | 27-34 |
| Taqsima III. | Disposizzjonijiet Ġenerali | 35-49 |
| | Disposizzjonijiet Transitorji | 50 |

Titolu fil-qosor.

**1.** Din l-Ordinanza tista' tissejjaħ l-Ordinanza dwar l-Esplozivi.

Tifsir.
*Emendat:*
*IV. 1920.2;*
*XLIX. 1981.4;*
*VIII. 2008.2.*
Kap. 9.

**2.** F'din l-Ordinanza -

il-kelmiet "ammenda", "multa", "detenzjoni" u "priġunerija" jfissru l-pieni msemmija taħt dawn l-ismijiet fil-Kodiċi Kriminali.

"bejgħ" ifisser ukoll it-tpartit ta' ħwejjeġ u l-għoti ta' ħaġa bħala ħlas (*datio in solutum*);

il-kelma "esplożivi" tfisser -

porvli ta' l-isparar, nitrogliċerina, dinamite, *gun-cotton*, porvli għal mini, fulminat tal-merkurju jew ta' metalli oħra, fjammi ta' Bengala, klurat tal-putassa, klurat tal-barju, u kull sustanza oħra, sew bħal dawk hawn imsemmija jew xort'oħra, użata jew maħduma sabiex tipproduċi riżultat prattiku bil-mezz ta' splużjoni jew b'effett pirotekniku; u tfisser ukoll sinjali taċ-ċpar, xogħlijiet tan-nar, miċeċ, murtali tal-ftuħ, kapsijiet tal-mini, detonaturi, skrateċ, munizzjon ta' kull xorta, u kull adattament jew preparazzjoni ta' esplożiv kif imfisser hawn fuq;

"fabbrika" tfisser kull bini jew lok jew kull parti minnhom fejn jiġu manifatturati esplożivi jew fejn jitwettaq xi proċess ta' dik il-manifattura;

"ħanut" ifisser kull post fejn tinbiegħ merkanzija jew tinħadem sengħa jew arti;

"Kummissarju tal-Pulizija" ifisser l-uffiċjal li għandu dik il-kariga, kif ukoll kull persuna li jkollha s-setgħa espressa jew impliċita li tagħmel flok il-Kummissarju hawn imsemmi biex tagħti esekuzzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza;

il-kelmiet "porvli ta' l-isparar" meta wżati waħedhom, ma jikkomprendux esplożivi oħra;

"post abitat" ifisser kull post fejn hemm ġabra ta' djar li fihom igħammru, jew jistgħu jgħammru, iżjed minn mitt ruħ;

"triq" tfisser kull triq, sqaq, pjazza jew post ieħor ta' passaġġ pubbliku, wkoll jekk jagħmlu parti minn fortifikazzjonijiet.

---

## TAQSIMA I

## ESPLOŻIVI

Liċenza għad-dħul ta' esplożivi f'Malta.
*Emendat:*
*VIII. 2008.3.*
Kondizzjonijiet.

**3.** (1) Ħadd ma jista' jdaħħal f'Malta porvli ta' l-isparar jew esplożivi oħra, inkella jiftaħ jew iżomm fabbriki tal-polvri jew ta' xogħlijiet tan-nar, inkella fabbriki oħra fejn jinħadmu porvli jew esplożivi oħra, mingħajr liċenza mill-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-licenza ma tiġix mogħtija kemm-il darba ma jittiħdux il-prekawzjonijiet meħtieġa għall-ħarsien tal-ħajja u tal-proprjetà.

Xogħol ta'esplożivi.

(2) Ħadd ma jista' jaħdem porvli ta' l-isparar jew jipprepara dak ix-xogħol ħlief f'fabbrika tal-porvli li jkollha l-liċenza taħt din l-Ordinanza, u ħadd ma jista' jaħdem xogħlijiet tan-nar jew porvli esplożiv, jew esplożivi oħra, ħlief f'fabbrika tax-xogħolijiet tan-

nar, jew f'fabbrika oħra għax-xogħol ta' porvli ta' l-isparar jew esplożivi oħra, li jkollha l-liċenza taħt din l-Ordinanza:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għal xogħol ta' kwantità żgħira ta' porvli ta' l-isparar jew ta' esplożivi oħra għall-fini ta' esperimenti kimiċi, u mhux għal użu ieħor jew għal bejgħ:

Iżda wkoll jekk ikun hemm suspett raġonevoli li jkun sar ksur serju tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, il-Kummissarju tal-Pulizija jkollu d-dritt jagħlaq il-fabbrika tal-porvli ta' l-isparar jew xi fabbrika oħra bħalha għal żmien li ma jkunx aktar minn ġimgħatejn, hekk iżda li jekk f'xi żmien jinbdew proċeduri kriminali rigward dik il-fabbrika għall-ksur ta' xi disposizzjoni ta' din l-Ordinanza, il-Qorti tista', waqt li dawk il-proċeduri jkunu għadhom pendenti, fuq deċiżjoni tagħha stess jew fuq talba tal-prosekuzzjoni, tordna li dik il-fabbrika tibqa' magħluqa sat-tmiem tal-proċeduri b'sentenza finali.

Prekawzjonijiet għall-ftuħ ta' fabbriki tal-porvli jew ta' fabbriki ta' din ix-xorta.
*Emendat:*
*IV. 1920.3;*
*XL. 1940.4;*
*XVIII. 1960.2.*

**4.** Sabiex tista' tinfetaħ fabbrika tal-porvli jew fabbrika oħra ta' din ix-xorta, hemm bżonn li jittieħdu, għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-prekawzjonijiet hawn taħt imsemmijin:

(*a*) illi l-fabbrika għandha tkun imbegħda għall-anqas mija u tlieta u tmenin metru minn -

(i) kull post abitat;

(ii) kull triq li tista' tkun użata regolarment biex igħaddu minnha vetturi bil-mutur; jew

(iii) kull triq oħra li sa mija u tlieta u tmenin metru minnha ma jkunx rikkmandabbli, fil-fehma tal-Kummissarju tal-Pulizija, wara li jikkonsulta lid-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li tinfetaħ fabbrika bħal dik;

(*b*) illi l-fabbrika tkun imdawra b'ħitan jew irpari oħra sħaħ għolja mhux inqas minn erba' metri, u illi jkollha kalamita tajba għas-sajjetti;

(*ċ*) illi fil-fabbrika jkun hemm maħżen għad-depożt ta' porvli jew esplożivi oħra, imbiegħed biżżejjed mill-bini tal-fabbrika;

(*d*) illi jkun bini separat minn bini ieħor u mbiegħed kif imiss wieħed mill-ieħor għal kull xorta ta' xogħol;

(*e*) illi ma jsirx xogħol bil-lejl jew b'dawl artifiċjali, jew waqt maltempata bis-sajjetti jew meta t-temp jagħtik taħseb li dalwaqt ġejja maltempata bis-sajjetti;

(*f*) illi l-porvli ta' l-isparar jew esplożivi oħra li jinħadmu, jinġarru fil-maħżen tad-depożt fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa.

Kwantità ta' esplożivi li tista' tinżamm.
*Emendat:*
*III. 2002.160.*

**5.** Fil-postijiet bil-liċenza taħt l-artikolu 3, ma tistax tinżamm kwantità ta' porvli jew esplożivi akbar minn dik imsemmija fil-liċenza; din il-kwantità m'għandha tkun qatt iżjed minn dik il-kwantità li tista' tiġi preskritta b'regolamenti magħmula mill-

Ministru responsabbli għall-pulizija.

Dinamite, *gun-cotton*, fulminati, eċċ.
*Emendat:*
*IV. 1920.4;*
*XXXV. 1949.2;*
*XXVII. 1955.2.*

**6.** (1) Ebda kwantità ta' dinamite, ta' *gun-cotton* ta' fulminat tal-merkurju jew fulminati oħra, pikrati, sustanzi li għandhom bħala bażi prinċipali n-nitrogliċerina, jew sustanzi oħra li meta mħalltin ma' oħrajn jew waħedhom jistgħu jipproduċu effetti bħal dawk tad-dinamite jew ta' waħda mis-sustanzi msemmijin fl-artikolu 2, ma jistgħu jiġu wżati, mibgħuta jew ikkunsinnati mill-fabbrikanti jew mid-dettaljaturi ħlief lill-awtorità pubblika, jew lil persuni awtorizzati b'permess iffirmat mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jakkwistawhom fil-kwantità msemmija fil-permess.

(2) F'dan il-każ, il-fabbrikant jew id-dettaljatur għandu, filwaqt tal-bejgħ jew tal-kunsinna, iniżżel fil-permess ix-xorta u l-kwantità tas-sustanzi mibjugħa jew ikkunsinnati, jagħmel id-data, u jiffirma d-dikjarazzjoni.

Kap. 10.

(3) Kull min ikollu liċenza tal-Pulizija skond l-artikolu 205 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija biex idur għall-kaċċa bi xkubetta jista' jixtri skrateċ tal-kaċċa u porvli biex jimla skrateċ għall-imsemmija xkubetta mingħand detalljaturi meta juri l-liċenza msemmija, u f'dawn il-każijiet, id-dettaljatur għandu jirreġistra, jagħmel id-data u jiffirma d-dikjarazzjoni meħtieġa skond is-subartikolu (2) fuq in-naħa l-oħra tal-liċenza, u ebda permess ieħor ma jkun meħtieġ għal dan ix-xiri jew bejgħ.

Hruġ ta' permessi.
*Emendat:*
*XXXV. 1949.2.*

**7.** (1) Il-permess imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan jingħata biss meta l-persuna li titolbu turi li għandha bżonn tagħmel użu ta' esplożivi fl-eżerċizzju tal-professjoni, arti jew sengħa tagħha.

(2) Kull persuna li lilha jiġu mibjugħa jew ikkunsinnati esplożivi bis-saħħa tal-permess hawn fuq imsemmi, għandha tieħu l-ħsieb li ma tħallix persuni oħra jersqu lejn dawk l-esplożivi, u ma tistax tbigħ, iċċedi jew tikkunsinna dawk l-esplożivi mingħajr liċenza tal-Pulizija.

Tniżżil fir-reġistru.

**8.** (1) Il-fabbrikanti u l-bejjiegħa tas-sustanzi msemmijin fl-artikolu 3 għandhom iniżżlu f'reġistru l-kwantità u x-xorta ta' l-esplożivi li huma jaħdmu, jakkwistaw jew ibigħu, u l-isem, il-kunjom, l-okkupazzjoni, in-nazzjonalità, il-lok fejn toqgħod, u partikolaritajiet oħra tal-persuna li lilha jiġu mibjugħa jew ikkunsinnati.

Il-folji tar-reġistru għandhom jiġu nnumerati u ffirmati mill-Pulizija.

(2) Dan ir-reġistru għandu, qabel ma jiġi wżat, ikun innumerat u ffirmat f'kull folja mill-Pulizija, illi, għandha wkoll, fl-aħħar paġna tiddikjara n-numru ta' folji li jkun fih il-ktieb.

Setgħa tal-Pulizija.

(3) Il-Pulizija tista', f'kull żmien, tara dawn ir-reġistri u tista' wkoll tispezzjona l-istabbilimenti u l-imħażen fejn ikunu ddepożitati l-esplożivi sabiex tara jekk il-kwantitajiet imniżżlin fir-reġistri jaqblux mal-kwantità ta' l-esplożivi hekk iddepożitati.

**9.** (1) Ħadd ma jista' jżomm għal bejgħ jew jaħżen porvli ta' l-isparar jew esplożivi mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Ebda bejgħ jew depożt ta' porvli ta' l-isparar jew ta' esplożivi ma jista' jsir mingħajr liċenza.
*Emendat: IV. 1920.5.*

(2) Din il-liċenza tiġi mogħtija taħt il-kondizzjoni li l-bejjiegħ għandu jirrapporta lill-Pulizija kull bejgħ li hu jagħmel u l-isem u l-indirizz tax-xerrej.

**10.** (1) Din il-liċenza tiswa biss għall-persuna u għall-post imsemmijin fil-liċenza.

Siwi ta' liċenza.
*Emendat: XXXV. 1949.3.*

(2) Il-kwantità ta' porvli, u l-kwantità u x-xorti ta' esplożivi li jistgħu jinżammu fil-post imsemmi fil-liċenza għandhom ikunu mniżżla fil-liċenza.

**11.** (1) Barra minn porvli ta' l-isparar, ebda esplożivi li fihom nitrogliċerina, pikrati, fulminati, klorat tal-putassa jew esplożivi bħal dawn, inkella esplożivi li l-kompożizzjoni tagħhom mhix magħrufa jew mhix stabbilita sewwa, ma jistgħu jinżammu fi ħwienet b'liċenza għall-bejgħ bl-imnut ta' esplożivi.

Ħwienet għall-bejgħ bl-imnut ta' esplożivi.
*Emendat: IV. 1920.6.*

(2) Id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu ma tgħoddx għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14.

**12.** (1) Il-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax jagħti liċenza sabiex jinżammu iżjed minn seba' kilogrammi ta' porvli ta' l-isparar fi ħwienet f'postijiet abitati, jekk dan il-porvli jkun miżmum sfuż ġo kaxex, xkejjer jew bramel, jew magħluq f'pakketti jew kaxex tal-kartun jew f'reċipjenti oħra bħal dawn; iżda jista' jagħti liċenza sabiex jinżamm porvli sa tlieta u għoxrin kilogramm, jekk dan il-porvli jkun miżmum magħluq għal kollox f'kaxex tal-metall jew f'reċipjenti oħra tajba daqshom sabiex jinżamm fihom, basta li l-porvli jiġi merfugħ f'post maqtugħ għalih mhux użat għall-abitazzjoni u, jekk jista' jkun, jiġi mqassam biċċa f'banda u biċċa f'oħra tal-fond.

Ħwienet għall-bejgħ ta' porvli ta' l-isparar fl-abitat.
*Emendat: IV. 1920.7.*

(2) Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jiddikjara liema ħwienet jistgħu jkollhom din il-liċenza.

**13.** Fil-każ ta' ħwienet li m'humiex fl-abitat, il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jagħti liċenza biex jinżamm id-doppju tal-kwantità msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan.

Ħwienet f'postijiet mhux fl-abitat.

**14.** Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jawtorizza d-depożt ta' skrataċ ikkargati li ma jkunx fihom iżjed minn tnax-il kilogramm, użin nett, ta' sustanzi esplożivi, fi ħwienet ta' bejgħ bl-imnut li huma fl-abitat, u li ma jkunx fihom iżjed minn tlieta u għoxrin kilogramm fi ħwienet ta' bejgħ bl-imnut li m'humiex fl-abitat.

Skrataċ ikkargati.

**15.** Jistgħu jinżammu f'kull post u f'kull kwantità kapsijiet u skrataċ vojta bil-kapsijiet u miċeċ; iżda kemm-il darba fl-istess lok ikun hemm ukoll porvli ta' l-isparar jew esplożivi oħra, il-bejjiegħa huma obbligati jżommu l-kapsijiet, l-iskrataċ vojta u l-miċeċ għalihom, f'postijiet mifrudin b'divizorji.

Kapsijiet, skrataċ vojta bil-kapsijiet u miċeċ.

Liċenza biex jinżammu jew jinġarru esplożivi. *Emendat: IV. 1920.8; XL. 1940.4.*

**16.** Ħadd ma jista', mingħajr liċenza tal-Pulizija, iżomm f'post li jkun taħt idejh, jew iġorr minn post għal ieħor, akkont tiegħu jew ta' ħaddieħor, porvli ta' l-isparar jew esplożivi oħra fi kwantitajiet akbar minn ħames kilogrammi:

Iżda meta l-post fejn jinżammu l-porvli jew esplożivi oħra jkun dar ta' abitazzjoni, il-liċenza tkun tinħtieġ għal kwantitajiet ta' iżjed minn kilogramm u nofs użin u din il-liċenza ma tingħatax ħlief meta d-dar tkun dar maqtugħa għaliha u tkun tinsab f'bogħod biżżejjed fiż-żgur minn kull post ieħor imgħammar u d-dar infisha jew ma tkunx imgħammra minn nies inkella tkun imgħammra biss mill-familja ta' min jitlob il-liċenza:

Iżda wkoll fil-każ ta' dinamite u sustanzi oħra, li jkollhom bħala bażi n-nitrogliċerina, fulminati jew il-klorat tal-putassa, il-liċenza hija dejjem meħtieġa sabiex tinżamm jew tinġarr kull kwantità li tkun, għalkemm żgħira.

Kif għandhom jinżammu l-esplożivi.

**17.** L-esplożivi jew sustanzi li jaqbdu malajr ħafna għandhom dejjem jinżammu ġo reċipjenti li għalihom ma jistax in-nar u hekk bogħod mill-porvli ta' l-isparar jew mir-reċipjenti li fihom dan il-porvli jkun miżmum li ma jkunx hemm periklu.

Kif għandu jinżamm il-porvli ta' l-isparar.

**18.** Kull kwantità ta' porvli ta' l-isparar ta' iżjed minn ħames mitt gramm użin għandha tinżamm ġewwa kaxxa, xkora jew reċipjent ieħor li jkunu ta' saħħa u magħmulin u magħluqin hekk tajjeb li l-porvli ma jkunx jista' joħroġ minnhom.

Ma jistax jinbiegħ porvli ta' l-isparar fit-toroq jew lil tfal. *Emendat: IV. 1920.9.*

**19.** Ħadd ma jista' jbigħ jew jesponi għal bejgħ porvli ta' l-isparar jew esplożivi oħra fit-toroq, jew ibigħ jew jagħti porvli ta' l-isparar lil tfal li jidhru li għandhom anqas minn tmintax-il sena.

Il-bejgħ tal-porvli ta' l-isparar għandu jsir f'pakketti magħluqa b'tikketta fuqhom.

**20.** Ħadd ma jista' ibiegħ porvli ta' l-isparar fi kwantità ta' iżjed minn ħames mitt gramm użin, ħlief f'kaxxa, xkora jew reċipjent ieħor li jkunu ta' saħħa u magħmulin u magħluqin hekk tajjeb li l-porvli ma jkunx jista' joħroġ minnhom, u bil-kelmiet "*Porvli/Gunpowder*" b'ittri li jidhru sewwa, imwaħħlin fuq in-naħa ta' barra nett tar-reċipjent li jkun fih il-porvli.

Regoli dwar is-sarr fil-ġarr ta' porvli.

**21.** Fil-ġarr tal-porvli ta' l-isparar għandhom jiġu mħarsa dawn ir-regoli:

(*a*) il-porvli ta' l-isparar fi kwantità mhux akbar minn żewġ kilogrammi, għandu jinġarr ġewwa reċipjenti bħal dawk imsemmija fl-artikolu 18;

(*b*) il-porvli ta' l-isparar fi kwantità akbar minn żewġ kilogramm għandu jinġarr f'pakk singlu jew doppju.

Il-pakk singlu jikkonsisti f'kaxxa, barmil, jew reċipjent ieħor ta' saħħa, kostruzzjoni u xorta tali illi ma jistgħux jinkisru jew jinfetħu b'aċċident inkella jsiru difettużi jew perikolużi waqt il-ġarr, u li ma jħallux il-porvli joħroġ minnhom. Meta l-porvli ta' l-isparar jinġarr f'pakk doppju, il-pakk ta' ġewwa għandu jikkonsisti f'kaxxa, xkora, ċilindru jew reċipjent ieħor ta' saħħa, li jkunu magħmulin u magħluqin b'mod illi l-porvli ta' l-isparar ma joħroġx

minnhom, u l-pakk ta' barra għandu jikkonsisti f'kaxxa, barmil, jew reċipjent ieħor ta' l-injam jew tal-metall, inkella ta' xi materjal solidu ieħor, u ta' saħħa, kostruzzjoni u xorta tali li ma jkunux jistgħu jinkisru jew jinfetħu b'aċċident, inkella jsiru difettużi jew perikolużi waqt il-ġarr, u li ma jħallux il-porvli joħroġ minnhom;

(*ċ*) il-pakk minn ġewwa m'għandux ikun fih frak u għandu jkun nadif;

(*d*) ma tista' titqiegħed ebda sustanza oħra fl-istess pakk li jkun fih il-porvli ta' l-isparar;

(*e*) ma jistax jiġi wżat, fil-kostruzzjoni ta' dawn il-pakki, ħadid jew azzar li ma jkunx miksi b'landa, żingu jew materjal ieħor tajjeb b'mod li jgħatti sewwa dak il-ħadid jew azzar;

(*f*) f'kull pakk singlu, jew fil-każ ta' pakk doppju, f'kull pakk ta' barra, ma tistax titqiegħed iżjed minn ħamsa u erbgħin kilogramm porvli ta' l-isparar;

(*g*) fuq kull pakk ta' barra għandu jkun hemm imwaħħla l-kelmiet "*Porvli/Gunpowder*" b'ittri li jidhru sewwa.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-Pulizija li jagħmel regolamenti.
*Sostitwit: XXVII. 1955.3. Emendat: A.L. 4 ta' l-1963; XI. 1977.2; XLIX. 1981.6; A.L. 407 ta' l-2007.*

**22.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' jagħmel, u wara li jkun għamel, jemenda, iħassar jew jerga' jagħmel regolamenti dwar il-kontroll, restrizzjoni jew projbizzjoni ta' importazzjoni, ħdim, preparazzjoni, ħżin, irfiegħ, ġarr, maniġġ, tqassim u użu ta' esplożivi, u partikolarment, iżda mingħajr ħsara għal ġeneralità tas-setgħa fuq imsemmija, jista' jagħmel regolamenti għall-finijiet kollha jew għal xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(*a*) dwar il-bini, pjantar, materjali u armar ta' ġewwa u ta' barra tal-fabbriki tal-porvli ta' l-isparar, tal-fabbriki tax-xogħlijiet tan-nar, jew fabbriki oħra, imħażen tal-munizzjon, imħażen jew ħwienet, sew fuq l-art kemm fuq il-baħar, li fihom jinħadmu, jinżammu jew jinbiegħu esplożivi, kif ukoll għal dawk il-prekawzjonijiet l-oħra kollha li għandhom jiġu osservati f'dawk il-postijiet;

(*b*) għall-kwalifiki dwar l-età, saħħa, kondotta preċedenti, kapaċità teknika, u dawk il-konsiderazzjonijiet l-oħra li jkunu stabbiliti fir-regolamenti, u għall-obbligi ta' persuni li huma sidien ta' l-imsemmija fabbriki, imħażen ta' esplożivi, imħażen jew ħwienet, jew huma impjegati fihom, jew għandhom aċċess għalihom, jew ikollhom il-liċenzi tagħhom, jew ikollhom x'jaqsmu b'xi mod fil-ġarr, maniġġ, ħruġ jew għoti ta' nar lill-esplożivi, inkluża l-ħtieġa li kull liċenza mogħtija biex tinżamm fabbrika ta' esplożivi tkun marbuta bil-kondizzjoni illi tittieħed, a spejjeż ta' min ikollu l-liċenza, polza ta' sigurtà, sew individwali kemm kollettiva, li tkopri kull impjegat u kull persuna li jkollha aċċess għall-imsemmija fabbrika bħala

ħaddiem volontarju kontra l-mewt jew inkapaċità permanenti li tista' tiġri minħabba jew waqt ix-xogħol tiegħu f'ammont ta' mhux anqas minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);

(*ċ*) għal kull ħaġa inċidentali u supplementari li għaliha l-Ministru responsabbli għall-Pulizija jidhirlu meħtieġa li jipprovdi għall-finijiet tar-regolamenti.

(2) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jipprovdu illi, dwar xi wieħed jew aktar mir-regolamenti jew dwar xi klassi jew aktar ta' regolamenti, id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation*, jew l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jkunux igħoddu.

Kap. 446.
Kap. 9.

Hatra ta' Kumitat.
*Emendat:*
*A.L. 46 ta' l-1965;*
*LVIII. 1974.68.*

**23.** (1) Il-President ta' Malta jista' jaħtar Kumitat li jkun magħmul minn tlett esperti sabiex igħinu lill-awtoritajiet fl-esekuzzjoni tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima.

(2) Kull membru ta' dan il-Kumitat u kull uffiċjal tal-Pulizija ta' grad mhux anqas minn dak ta' sotto-spettur jistgħu jidħlu fil-postijiet imsemmijin fl-artikolu 5 biex jaraw li qegħdin jiġu mħarsa d-disposizzjonijiet ta' qabel, kif ukoll jistgħu jidħlu f'kull post ieħor fejn il-Pulizija jkollha raġun taħseb li qegħdin jinżammu porvli ta' l-isparar jew esplożivi oħra jew li qegħdin jinħadmu porvli ta' l-isparar, esplożivi jew xogħolijiet tan-nar, kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

Sparar ta' maskli, bombi, eċċ.

**24.** (1) Ħadd ma jista', mingħajr liċenza tal-Pulizija, jagħti n-nar jew jispara maskli, bombi, sufarelli, jew xogħlijiet tan-nar ta' kull xorta li jkunu, inkella jtella' blallen bin-nar jew, in ġenerali, jagħmel esplożjoni jew nar li jista' jkun ta' perikolu, f'kull post li jkun.

(2) Ħadd ma jista' mingħajr liċenza tal-Pulizija, jispara armi tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet.

(3) Il-liċenza msemmija fis-subartikolu (1) tingħata taħt il-kondizzjoni illi l-operazzjonijiet hawn fuq imsemmija jsiru f'post irparat, u, f'okkażjonijiet ta' festi jew ta' ġemgħat oħra ta' nies, f'post hekk imbiegħed mill-folol li ma jistgħux isiru disgrazzji.

(4) Meta jsir reat kontra d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) u l-ħati ma jkunx magħruf, il-kerrej jew id-detentur tal-fond li fih ikun sar ir-reat, jew jekk fil-fond ma jkunux joqogħdu nies, dak li jkollu l-ħsieb jew l-inkargu tiegħu, huwa responsabbli tar-reat, kemm-il darba seta' ma jħallix isir dak ir-reat.

Hruq ta' qasbija, eċċ, fl-egħlieqi.

**25.** (1) Ħadd ma jista' jagħti n-nar lil qasbija fl-egħlieqi, f'bogħod ta' anqas minn tnejn u disgħin metru minn dar, bini, taħwil, imżieżel ta' qmuħ, tiben, u għalf, jew minn depożt ieħor ta' materjal li jaqbad.

(2) Kull min iqabbad dan in-nar f'iżjed bogħod milli msemmi hawn fuq, għandu jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa għas-sigurezza tal-proprjetà ta' ħaddieħor, u għandu jassisti huwa nnifsu flimkien

ma' numru biżżejjed ta' nies, sakemm jintefa n-nar.

Użu jew pussess ta' esplożivi għas-sajd. *Miżjud: IV. 1920.10.*

**26.** Ħadd ma jista', f'ebda żmien jew post, juża jew iżomm għandu esplożivi għas-sajd.

Arrest mingħajr mandat. *Miżjud: VIII. 2008.4.*

**26A.** Kull uffiċjal tal-pulizija jista' jarresta mingħajr mandat kull persuna li tkun għamlet, jew li tkun wettqet attentat, jew li l-uffiċjal ikollu suspett raġonevoli li tkun għamlet, jew li tkun wettqet attentat biex isir reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtha, jekk ikollu raguni biżżejjed biex jemmen li dik il-persuna tista' taħrab jekk ma tiġix arrestata jew jekk ma jkunx jaf l-isem u l-indirizz ta' dik il-persuna u ma jistax isir jafhom.

Sospensjoni ta' liċenza. *Miżjud: VIII. 2008.4.*

**26B.** Il-Kummissarju tal-Pulizija jista', mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra eżistenti, jissospendi kull liċenza fil-kors ta' proċeduri għal reat kontra d-disposizzjonjiet ta' din l-Ordinanza.

---

## TAQSIMA II

## DISPOSIZZJONIJIET PENALI

Pieni għad-dħul f'Malta, eċċ., ta' esplożivi, *Emendat: XXVII. 1955.4; A.L. 407 ta' l-2007; VIII. 2008.5.*

**27.** Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' bejn sentejn u ħames snin jew multa ta' mhux anqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn ħamsa w għoxrin elf euro (€25,000), jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien.

għal min iħalli li fond jiġi wżat sabiex jinżammu esplożivi fih,

**28.** L-istess piena jeħel kull min xjentement iħalli li fond, illi tiegħu jkun id-detentur jew ikollu l-ħsieb jew il-kustodja, jiġi wżat sabiex jinżammu jew jinħadmu fih porvli ta' l-isparar, esplożivi jew xogħlijiet tan-nar kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

għal min iżomm għandu, eċċ., esplożivi, *Emendat: IV. 1920.11; XXVII. 1955.5; A.L. 407 ta' l-2007; VIII. 2008.6.*

**29.** (1) Kull min, kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I ta' din l-Ordinanza, iżomm fid-dar tiegħu jew f'post ieħor, jaħdem, ibigħ jew joffri għal bejgħ, jew jikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, porvli ta' l-isparar jew xi waħda mis-sustanzi l-oħra msemmijin fl-artikolu 6, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' bejn sitt xhur u sentejn jew multa ta' mhux anqas minn ħmistax-il elf euro (€15,000) u mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000), jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien.

(2) Meta porvli ta' l-isparar jew xi sustanza oħra kif imfisser fis-subartikolu (1) u li huma miżmuma, ippreparati, mibjugħa, offruti għall-bejgħ jew ikkunsinnati kif previst fis-subartikolu (1) jikkawżaw splużjoni li b'konsegwenza tagħha tiġi kaġunata mewt ta' persuna oħra jew offiża gravi fuq persuna oħra, il-persuna li żammet, ippreparat, biegħet, offriet għall-bejgħ jew ikkunsinnat

dawk l-istess porvli ta' l-isparar jew sustanza oħra, tista' teħel, meta tinsab ħatja, kif ġej:

(*a*) meta tkun ġiet ikkaġunata l-mewt ta' persuna oħra, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin;

Kap. 9.

(*b*) fejn titwettaq offiża gravi fuq il-persuna liema offiża tipproduċi xi wieħed mill-effetti msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn tmint elef euro (€8,000) iżda mhux iżjed minn tmenin elf euro (€80,000) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien;

Kap. 9.

(*ċ*) fejn titwettaq offiża gravi fuq il-persuna liema offiża ma tipproduċix xi wieħed mill-effetti msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda mhux iżjed minn għoxrin elf euro (€20,000) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

għall-ġarr ta' esplożivi, *Emendat: XXVII. 1955.6; A.L. 407 ta' l-2007; VIII. 2008.7.*

**30.** Kull min, kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I ta' din l-Ordinanza, iġorr minn post għall-ieħor porvli ta' l-isparar jew esplożivi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sena jew multa ta' mhux anqas minn elfejn euro (€2,000) u mhux izjed minn għoxrin elf euro (€20,000), jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien.

għall-ksur ta' regolamenti,

**31.** Kull min jikser ir-regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 22 jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fl-artikolu 30 jekk ir-reat ikun kontra regolament dwar il-ġarr ta' porvli jew ta' esplożivi, jew il-piena msemmija fl-artikolu 29 jekk ir-reat ikun kontra regolament dwar il-ħwejjeġ l-oħra msemmijin fl-artikolu 22.

għal min ifixkel id-dħul ta' uffiċjali, *Emendat: VIII. 2008.8.*

**32.** Kull min, fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 8 u 23(2) jew fir-regolamenti magħmulin taħt din l-Ordinanza, ifixkel b'xi mod id-dħul tal-membri tal-kumitat, jew ta' l-uffiċjali tal-Pulizija msemmija f'dawk l-artikoli, fil-postijiet u għall-finijiet hemm imsemmija, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elf euro (€1,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.

għal min jagħti n-nar jew jispara maskli, eċċ., *Emendat: XXVII. 1955.7; XXXI. 1967.37; VIII. 2008.9.*

**33.** (1) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 24 jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija taħt l-artikolu 29.

għal min jagħti n-nar lil qasbija fl-egħlieqi,

(2) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25 jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' l-ammenda mhux anqas minn mija u ħamsin euro (€150), u, fil-każijiet gravi, il-piena tad-detenzjoni għal żmien mhux anqas minn xahar b'żjieda ma' dik l-ammenda.

**34.** Kull min jagħmel reat kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 26 jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa disa' snin.

għall-użu ta' esplożivi għas-sajd.
*Miżjud: IV. 1920.12.*
*Emendat: XLIX. 1981.4.*

---

## TAQSIMA III

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

**35.** Il-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' b'ordni jiddikjara illi sustanza li, fil-fehma tiegħu, hija b'mod speċjali perikoluża għall-ħajja jew għall-proprjetà minħabba n-natura esploživa tagħha, jew minħabba li l-proċess li bih tinħadem jista' jikkaġuna esplożjoni, għandha titqies esplożiv fis-sens ta' din l-Ordinanza, u d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza (bla ħsara ta' l-eċċezzjonijiet, limitazzjonijiet u restrizzjonijiet imsemmijin fl-ordni) igħoddu l-istess għal din is-sustanza daqs li kieku hija kienet kompriża fil-kelma "esplożivi" f'din l-Ordinanza.

It-tifsir tal-kelma "esplożivi" jgħodd ukoll għal sustanzi esplożivi oħra.
*Emendat: A.L. 4 ta' l-1963.*

**36.** Kull min jagħmel xi wieħed minn dawn ix-xogħlijiet, jiġifieri jiddividi fil-komponenti tiegħu jew b'mod ieħor jaqsam jew iħott esplożiv, inkella jagħmel tajjeb għall-użu esplożiv imħassar, inkella jagħmel mill-ġdid, ibiddel, jew isewwi esplożiv, jaqa' taħt id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, bħallikieku ħadem esplożiv.

Persuni li jagħmlu ċerti xogħlijiet f'esplożivi jitqiesu daqs li kieku ħadmu esplożiv.

**37.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' minn żmien għal ieħor b'ordni jfisser, għall-finijiet ta' din l-Ordinanza, il-komposizzjoni, ix-xorta u n-natura ta' kull esplożiv u jikklassifika l-esplożivi.

(2) Meta l-komposizzjoni, ix-xorta jew in-natura ta' esplożiv ikunu ġew hekk imfissra mill-Ministru responsabbli għall-Pulizija, kull sustanza ddikjarata bħala li hija dak l-esplożiv illi ma tkunx taqbel ma' dik it-tifsira fil-komposizzjoni, xorta jew natura, minħabba li tkun ħżienet jew għal raġuni oħra, ma titqiesx, għall-finijiet ta' din l-Ordinanza, li hija l-esplożiv hekk imfisser.

Tifsir u klassifikazzjoni ta' esplożiv b'ordni tal-Ministru responsabbli għall-Pulizija.
*Emendat: A.L. 4 ta' l- 1963.*

**38.** Ir-regolamenti jew ordnijiet kollha magħmula mill-Ministru responsabbli għall-Pulizija taħt din l-Ordinanza għandhom jiġu pubblikati b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, u għandhom jibdew fis-seħħ minn dik il-pubblikazzjoni jew minn dik id-data li tista' tissemma f'dawk ir-regolamenti jew ordnijiet.

Ir-regolamenti u l-ordnijiet għandhom joħorġu fil-Gazzetta tal-Gvern.
*Sostitwit: XXVII. 1955.8.*
*Emendat: XVII. 1961.2; XXV. 1962.2; A.L. 4 ta' l-1963; XLIX. 1981.6.*

**39.** (*Mħassar bl-Att VIII. 2008.10.*).

Reati li jaqgħu taħt il-klassi tal-kontravvenzjonijiet.
*Emendat: XL. 1940.4; XLIX. 1981.4.*
Kap. 9.

Konfiska tal-*corpus delicti*, eċċ.
*Emendat:*
*IV. 1920.13;*
*XL. 1940.4.*
*Sostitwit:*
*XXVII. 1955.9.*

**40.** (1) Meta jiġi pruvat reat kontra din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula bis-saħħa tagħha, il-*corpus delicti*, il-għodod, kompriżi l-vetturi jew inġenji tal-baħar li servew jew kellhom iservu għall-konsumazzjoni tar-reat kif ukoll kull sustanza jew ħaġa li tkun il-prodott tar-reat, jiġu kkonfiskati, meta ma jkunx hemm min, mingħajr ma jkun ħa sehem fir-reat, ikollu jedd fuq dawk l-għodod, vetturi, inġenji tal-baħar, sustanzi jew ħwejjeġ u jġib 'il quddiem it-talba tiegħu fi żmien erbat ijiem utili minn dak in-nhar illi s-sentenza li biha jkun ġie dikjarat li sar ir-reat issir definittiva.

(2) B'dak kollu li jinsab fis-subartikolu ta' qabel jew f'xi disposizzjoni oħra tal-liġi, f'kull proċediment kriminali kontra xi persuna għal reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tagħha, il-qorti, minnufih wara li jinqraw l-imputazzjoni jew ir-rapport tal-Pulizija jew f'kull żmien wara, jekk tkun sodisfatta illi xi esplożiv li jkollu x'jaqsam mal-proċedimenti ma jkunx jista' jinżamm sakemm jispiċċaw il-proċedimenti mingħajr perikolu għan-nies jew proprjetà, tista tordna d-distruzzjoni ta' xi esplożiv minn dawn taħt dik is-sorveljanza esperta li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi iżda f'dan il-każ il-qorti għandha tieħu l-passi meħtieġa biex tiddeskrivi l-esplożivi msemmija u l-istat tagħhom.

Kap. 9.

(3) F'każ ta' xi repert taħt l-artikolu 558 tal-Kodiċi Kriminali meta d-dokument mikxuf jikkonsisti f'xi esplożiv u jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi d-disposizzjoni ta' l-imsemmi artikolu dwar il-konservazzjoni ta' l-esplożiv ma tistax tiġi applikata mingħajr perikolu għan-nies jew għall-proprjetà, il-qorti għandha tordna d-distruzzjoni ta' l-esplożiv bil-prekawzjonijiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel inklużi dawk dwar id-deskrizzjoni tagħhom.

Tħassir ta' liċenza.
*Miżjud:*
*VIII. 2008.11.*

**40A.** Meta persuna tinstab ħatja ta' reat taħt din l-Ordinanza, il-qorti tista', fuq talba tal-prosekuzzjoni jew b'deċiżjoni tagħha stess, tħassar kull liċenza li jkollu min jagħmel ir-reat għar-rigward ta' kull fabbrika, ħanut, jew lok ieħor fejn jew fil-viċinanzi ta' liema lok twettaq ir-reat, u, fil-każ ta' reat li jitwettaq permezz ta' l-użu ta' vettura, kemm il-liċenza tas-sewqan ta' min iwettaq ir-reat kif ukoll kull liċenza li dik il-persuna jkollha rigward il-vettura li għaliha jirreferi r-reat:

Iżda xejn f'dan l-artikolu ma għandu jinftiehem li jaffettwa xi setgħat tal-Kummissarju tal-Pulizija taħt xi liġi oħra biex iħassar jew jissospendi xi liċenza.

Applikabilità ta' l-Att dwar il-*Probation*.
*Miżjud:*
*VIII. 2008.11.*
Kap. 446.

**40B.** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 24 ta' l-Att dwar il-*Probation* li jirrigwardaw is-setgħa tal-qorti biex tordna li l-ħati jħallas id-danni għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw ukoll kull meta persuna tiġi misjuba ħatja ta' reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

Riserva għal pieni akbar taħt liġijiet oħra.
*Emendat:*
*XXVII. 1955.10.*
Kap. 9.

**41.** Il-pieni stabbiliti fid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tagħha jgħoddu biss meta l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi reat punibbli b'pieni akbar taħt il-Kodiċi Kriminali, jew taħt liġijiet oħra; f'dan il-każ igħoddu l-pieni kkontemplati f'dak il-Kodiċi jew liġijiet oħra.

**42.** Proċeduri għal reat kontra xi regolament magħmul taħt din l-Ordinanza, sa fejn dawn ma jkollhomx magħhom proċeduri għal reat kontra din l-Ordinanza, għandom jinġiebu 'il quddiem mill-Pulizija fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta r-reat isir f'Malta, u fil-Qorti tal-Magistrati (Għawdex), meta r-reat isir f'Għawdex jew Kemmuna.

Proċedimenti għal reati taħt din l-Ordinanza. *Emendat: IV. 1920.14; XXVII. 1955.10; VIII. 1990.3; VIII. 2008.12.*

**43.** Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, il-ħsara kkaġunata b'reat kontra d-disposizzjonijiet tagħha tintalab mill-persuna li tbatiha bħala dejn ċivili.

Hsara.

**43A.** Fejn, rigward persuna li tinsab ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fl-atti tal-proċeduri li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex tinqabad il-persuna jew jinqabdu l-persuni li jkunu pprovdew lill-persuna misjuba ħatja l-esplożivi, jew il-persuna misjuba ħatja kif qabel imsemmi tagħti prova għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena għandha titnaqqas, rigward il-priġunerija bi grad wieħed jew tnejn u rigward kull piena pekunjarja, b'terz jew bin-nofs rispettivament.

Tnaqqis tal-piena. *Miżjud: VIII. 2008.13.*

**44.** Meta persuna li tkun ġiet misjuba ħatja ta' reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew ta' xi regolament magħmul taħtha, twettaq it-tieni reat simili, teħel meta tinsab ħatja, il-piena ta' dak ir-reat, miżjud b'żewg gradi, u fuq it-tielet kundanna jew oħrajn warajha, tiżdied il-piena bi tliet gradi.

Piena fil-każ ta' reċidiva. *Emendat: XXVII. 1955.11. Sostitwit: VIII. 2008.14.*

**45.** Fil-każ ta' kundanna għat-tielet darba jew iżjed għall-istess reat meta dan ikun ġie magħmul minn detentur ta' ħanut, bejjiegħ, jew persuna oħra li taħdem arti, sengħa, jew xogħol ieħor b'liċenza ta' awtorità pubblika, u meta dan ir-reat ikollu x'jaqsam ma' l-eżerċizzju ta' dik l-arti, sengħa jew xogħol ieħor, il-liċenza tiġi rtirata.

Reċidiva għat-tielet darba jew iżjed. *Emendat: IV. 1920.15.*

**45A.** (1) Meta jsir reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, il-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha, jew f'xi żmien wara, fuq talba tal-prosekuzzjoni:

Konfiska ta' proprjetà. *Miżjud: VIII. 2008.15.*

(*a*) meta tkun ġiet użata xi proprjetà immobbli għall-manifattura, bejgħ, wiri għall-bejgħ, jew ħażna ta' esplożivi kif imfisser fl-att ta' l-akkuża jew fl-akkuza, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull titolu fuq il-proprjetà li l-persuna li tinsab ħatja jkollha fuq dik il-proprjetà immobbli;

(*b*) meta l-persuna li tinsab ħatja ma tkunx is-sid assolut iżda jkollha titolu ieħor fuq il-proprjetà immobbli, jew ikollha titolu, li ma jkunx titolu fuq il-proprjetà, li bis-saħħa tiegħu jkollha l-kontroll fuq, jew dritt ta' aċċess għal, dik il-proprjetà, il-qorti għandha tordna li l-persuna li tinsab ħatja tħallas multa ta' mhux anqas minn għaxart elef euro (€10,000) iżda mhux iżjed minn sittin elf euro (€60,000) kif tistabbilixxi l-qorti wara li tqis il-valur tal-proprjetà immobbli u l-valur tat-titolu fuq il-proprjetà, jekk ikun hemm, li jkun ġie konfiskat kif imsemmi qabel;

(*ċ*) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali,

Kap. 9.

tagħmel ordni li bih id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (*a*) u (*b*) għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għal jew fir-rigward ta' kull bastiment jew vettura, użati għaż-żamma, il-ħażna jew il-kunsinna ta', jew għall-bejgħ jew trattar fi, esplożivi; u

(*d*) tordna l-konfika favur il-Gvern tal-proprjetà immobbli użata għall-manifattura, il-bejgħ, il-wiri għall-bejgħ, jew il-ħażna ta' l-esplożivi, tal-persuna hekk misjuba ħatja ukoll jekk il-proprjetà immobbli, għaddiet f'idejn terzi persuni, minn meta l-persuna ġiet akkużata bir-reat.

(2) Kull deċiżjoni, kif imsemmi fis-subartikolu (1), li tordna l-konfiska tal-proprjetà immobbli jew ta' xi titolu fuq dik il-proprjetà għandha titiqies u għandha tkun eżegwita bħala sentenza fil-qasam ċivili li tittrasferixxi dak it-titolu fuq il-proprjetà favur il-Gvern, u l-Avukat Ġenerali għandu, għall-finijiet ta' l-artikolu 239 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jiġi kunsidrat bħala l-parti interessata li tista' tiskeb ir-reġistrazzjoni ta' dak it-trasferiment.

Kap. 12.

Ordni ta' sospensjoni.
*Miżjud: VIII. 2008.15.*

**45B.** (1) Meta persuna tiġi akkużata taħt din l-Ordinanza jew taħt regolamenti magħmulin taħtha, u dik il-persuna jkollha l-pussess ta' liċenza, permess jew awtorità maħruġa lilha minn awtorità kompetenti dwar jew f'konnessjoni ma' l-eżerċizzju ta' xi arti, sengħa, professjoni jew xi xogħol ieħor u r-reat jitwettaq f'post liċenzjat taħt din l-Ordinanza jew taħt xi liġi oħra, il-qorti tista' toħroġ ordni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ordni ta' sospensjoni", li tissospendi dik il-liċenza, permess jew awtorità.

(2) L-ordni ta' sospensjoni għandha tibqa fis-seħħ sakemm jibqgħu għaddejjin il-proċeduri sas-sentenza finali.

(3) Kull persuna li tagħmel xi ħaġa li għall-għemil tagħha hija meħtieġa liċenza, permess jew awtorità taħt xi liġi u meta dik il-ħaġa ssir meta dik il-liċenza, permess jew awtorità tkun ġiet sospiża bis-saħħa ta' ordni ta' sospensjoni, titqies li tkun aġixxiet mingħajr il-liċenza, permess jew awtorità meħtieġa.

Nuqqas ta' applikabilità.
*Miżjud: VIII. 2008.15.*
Kap. 9.
Kap. 446.

**45Ċ.** Salv dak provdut fl-artikolu 40B, id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt din l-Ordinanza.

Kumpens.
*Miżjud: VIII. 2008.15.*

**45D.** Meta persuna tinsab ħatja ta' reat taħt id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' xi regolament magħmul taħtha, il-qorti tista' tordna lill-persuna li tinsab ħatja biex tħallas lil kull parti li ssofri xi telf dik is-somma flus li tista' tiġi determinata mill-qorti f'dik id-direzzjoni bħala kumpens għal dak it-telfien kif imsemmi qabel jew għal kull dannu jew ħsara oħra kkawżata lil dik il-parti b'dak jew permezz ta' dak ir-reat.

**46.** Fil-każ ta' kontravvenzjoni għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tagħha il-qorti barra milli tagħti l-piena, tordna lill-ħati, meta hu l-każ, li jneħħi l-inkonvenjent ikkaġunat bil-kontravvenzjoni jew, skond iċ-ċirkostanzi, li jeżegwixxi l-liġi fi żmien, biżżejjed għaldaqshekk, li jiġi mogħti mill-qorti; u jekk il-ħati, jonqos ii jeżegwixxi dan l-ordni f'dak iż-żmien, jeħel ammenda ta' mhux inqas minn ħamsa w għoxrin euro (€25) u mhux iżjed minn mitt euro (€100) għal kull ġurnata li l-inkonvenjent jibda', jew li l-liġi ma tiġix esegwita wara li jagħlaq iż-żmien hawn fuq imsemmi.

Setgħa tal-qorti li tordna t-tneħħija ta' l-inkonvenjent.
*Emendat: XXVII. 1955.11; A.L. 407 ta' l-2007; VIII. 2008.16.*

**47.** Il-qorti tista' wkoll tordna li l-inkonvenjent jiġi mneħħi, jew li l-liġi tiġi esegwita, mill-Pulizija bi spejjeż tal-ħati, li, f'dan il-każ, jista' jiġi mġiegħel iħallas lura dawn l-ispejjeż, b'mandat maħruġ mill-istess qorti.

Tneħħija ta' l-inkonvenjent mill-Pulizija.

**48.** (1) Meta l-ħati ma jkunx jista', minħabba ġenn jew mard ieħor, jidher il-qorti, jew ikun assenti minn Malta jew mistoħbi, u l-Kummissarju tal-Pulizija jwettaq b'ġurament li hu meħtieġ li l-inkonvenjent ikkaġunat bir-reat jiġi mneħħi bla dewmien, jew li xort'oħra tiġi eżegwita l-liġi, il-qorti tordna illi ċ-ċitazzjoni tiġi nnotifikata, fl-ewwel żewġ każijiet, lir-rappreżentant leġittimu tal-ħati, jew lil persuna oħra li jkollha l-ħsieb tiegħu, u fil-każijiet l-oħra jew jekk il-ħati, meta hu moħħu marid, ma jkunx taħt il-ħsieb ta' ħaddieħor, lil żewġ jew mart il-ħati, jew lil xi ħadd li jiġi fil-qrib minnu mid-demm jew bi żwieġ, jew lill-amministratur ta' ħwejġu, jekk ikun hemm.

Ġenn jew assenza tal-ħati.

(2) F'kull każ bħal dan, meta r-reat jiġi ppruvat, il-qorti tapplika d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 46 jew ta' l-artikolu 47:

Iżda kemm-il darba jkun hemm lok li tiġi mogħtija piena lill-ħati, li jkun moħħu marid jew assenti, il-qorti tħalli l-każ sa meta dan ikun kapaċi li joqgħod fil-kawża jew sa meta jiġi lura.

*__49.__ Id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza ma għandhomx japplikaw għall-Forzi Armati ta' Malta.

Fejn ma tapplikax din l-Ordinanza.
*Sostitwit: XXII.1976.4.*

---

DISPOSIZZJONIJIET TRANSITORJI

**50.** Kull regolament magħmul mill-awtorità kompetenti bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin lilhom mil-liġijiet imħassrin b'din l-Ordinanza# u li mhux inkompatibbli ma' din l-Ordinanza, jibqa' jseħħ sakemm joħorġu regolamenti ġodda floku, taħt din l-Ordinanza.

Regolamenti magħmulin taħt liġijiet ta' qabel.
*Emendat: A.L. 46 ta' l-1965; LVIII. 1974.68.*

---

*Ir-riferenza għall-Att ta' l-1966 dwar il-Forzi Viżitatriċi ġiet imħollija barra, billi l-istess Att ġie revokat bl-Att IX ta' l-1982.
#Id-disposizzjonijiet li jħassru huma mħollija barra taħt l-Ordinanza ta' l-1936 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji ta' Malta u taħt l-Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji.